REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1406

tat-2 ta' Ottubru 2020

li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, il-Kummissjoni u entitajiet oħra skont l-Artikoli 24(2) u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 24(3) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25(9) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jeżiġi li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex twettaq dmirijietha, f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jeżiġi li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bejniethom u mal-ESMA, mal-Kummissjoni (fir-rigward ta' komoditajiet li huma prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat), mal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Agency for the Cooperation of Energy Regulators, ACER) u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (fir-rigward ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa), u mal-awtoritajiet nazzjonali u ta' pajjiżi terzi rilevanti responsabbli għas-swieq spot relatati, inkluż, fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet, mal-monitor tal-irkant u l-awtoritajiet kompetenti, amministraturi tar-reġistri, inkluż l-Amministratur Ċentrali, u korpi pubbliċi oħra inkarigati bis-superviżjoni tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-gassijiet serra.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 ([3]) diġà stabbilixxa proċeduri u forom għall-iskambju ta' informazzjoni u assistenza bejn awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Huwa mistenni li jiġu stabbiliti regoli separati fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi responsabbli għas-swieq spot relatati. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-ESMA skont l-Artikolu 24(2) ta' dak ir-Regolament, u l-kooperazzjoni ma' entitajiet oħra skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament.

(3) Jenħtieġ li normalment l-informazzjoni tiġi skambjata bil-miktub. Madankollu, jenħtieġ li f'każijiet xierqa jkunu possibbli komunikazzjonijiet orali, inkluż b'mod partikolari qabel tintbagħat talba bil-miktub għall-kooperazzjoni jew l-iskambju tal-informazzjoni, biex tingħata informazzjoni dwar dik it-talba li tkun se ssir għal kooperazzjoni jew biex jiġu diskussi xi kwistjonijiet li jistgħu jagħmluha diffiċli biex dik it-talba titwettaq. F'każijiet urġenti, jenħtieġ li jkun possibbli li talba għal kooperazzjoni tkun ikkomunikata oralment, dment li l-urġenza ma tkunx sempliċement minħabba dewmien min-naħa tal-parti li tagħmel it-talba.

(4) Talba jenħtieġ li jkun fiha informazzjoni suffiċjenti dwar is-suġġett tal-kooperazzjoni, inklużi r-raġunijiet għat-talba u l-kuntest tagħha, sabiex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tipproċessa t-talba faċilment u b'mod effiċjenti. Li wieħed jindika l-fatti li jagħtu lok għal suspett ma għandhiex titqies bħala prekondizzjoni biex l-awtorità rikjedenti tirċievi assistenza fejn dik l-informazzjoni mitluba hija neċessarja biex dik l-awtorità twettaq l-obbligi tagħha.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 tas-26 ta' Frar 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni u assistenza bejn awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (ĠU L 55, 27.2.2018, p. 34).

(5) Meta l-ESMA u l-ACER flimkien jispeċifikaw interfaċċa għal komunikazzjoni sigura li għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għall-iskambju ta' informazzjoni mal-ACER u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jenħtieġ li jkun meħtieġ l-użu ta' dik l-interfaċċa partikolari għall-iskopijiet rilevanti speċifikati.

(6) Jenħtieġ li l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni skambjata jew mibgħuta tibqa' kunfidenzjali, u li jkun hemm konformità mar-regoli fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment liberu ta' *data* personali.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(8) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati mal-introduzzjoni ta' proċeduri u formoli biex jintużaw mill-awtoritajiet u mill-entitajiet li għalihom japplika dan ir-Regolament billi dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-ambitu u tal-impatt ta' dan l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, meta wieħed iqis li dan ir-Regolament jaffettwa biss dawn l-awtoritajiet u l-entitajiet u ma jaffettwax il-parteċipanti fis-suq.

(9) L-ESMA talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-kooperazzjoni u għall-iskambji ta' informazzjoni bejn il-korpi li ġejjin (imsemmija f'dan ir-Regolament bħala "korpi speċifikati") skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA skont l-Artikolu 24(2) jew l-Artikolu 25(1), (5) jew (7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(b) bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(1) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward ta' komoditajiet li huma prodotti agrikoli;

(c) bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 25(3) jew (5) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;

(d) bejn l-ESMA u l-ACER jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 25(3) u (5) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;

(e) bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti responsabbli għas-swieq spot relatati skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(8) ta' dak ir-Regolament;

(f) bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(8) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "mezzi elettroniċi" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħżin u t-trasmissjoni ta' *data*, li jkunu jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kwalunkwe mezz elettromanjetiku ieħor.

Artikolu 3

Punti ta' kuntatt

1. Sas-26 ta' Novembru 2020, l-ESMA għandha titlob lil kull wieħed mill-korpi speċifikati biex jipprovdilha d-dettalji ta' punt ta' kuntatt wieħed jew aktar dežinjat minn dak il-korp għall-finijiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni skont l-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, u jżomm lill-ESMA informata dwar bidliet sussegwenti f'dawk id-dettalji.

2. Mill-inqas darba fis-sena, l-ESMA għandha tistaqsi lil kull wieħed mill-korpi speċifikati biex jikkonferma jew jaġġorna d-dettalji li jkun ipprovda skont il-paragrafu 1.

3. L-ESMA għandha żżomm lista aġġornata tad-dettalji pprovduti jew aġġornati skont il-paragrafi 1 u 2, flimkien mad-dettalji tal-punti ta' kuntatt ta' ESMA stess dežinjati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għandha tiċċirkola l-lista aġġornata lil kull wieħed mill-korpi speċifikati.

4. Il-lista l-aktar reċenti ċċirkolata skont il-paragrafu 3 għandha tintuża mill-korpi speċifikati għall-finijiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. ~~H~~lief fejn iddikjarat mod ieħor f'dan ir-Regolament, kull komunikazzjoni li ssir għall-finijiet ta' kooperazzjoni jew skambji ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandha ssir bil-posta, b'faks jew b'mezzi elettroniċi.

2. Meta jiġu ddeterminati l-mezzi l-aktar xierqa ta' komunikazzjoni f'każ partikolari, għandhom jitqiesu b'mod dovut il-kunsiderazzjonijiet tal-kunfidenzjalità, il-ħin neċessarju għall-korrispondenza, il-volum tal-materjal li se jiġi kkomunikat u l-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni.

3. Mingħajr ma tiġi limitata n-natura ġenerali tal-paragrafu 2, fejn jintużaw mezzi elettroniċi, il-mezz elettroniku għandu jkun dak li jiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni waqt it-trażmissjoni tagħha.

4. Jekk l-ESMA u l-ACER flimkien jispeċifikaw l-użu ta' sistema elettronika partikolari għall-komunikazzjonijiet mal-ACER u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandha tintuża dik is-sistema għall-iskopijiet speċifikati.

Artikolu 5

Talbiet għal informazzjoni jew kooperazzjoni

1. Meta jitlob kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-korp li jagħmel it-talba għandu juża l-forma stabbilita fl-Anness I u għandu:

(a) jispeċifika d-dettalji tal-informazzjoni jew tal-kooperazzjoni li qed ifittex; u

(b) jidentifika, fejn xieraq, kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' tinkiseb.

2. Il-korp rikjedenti jista' jehmeż mat-talba kwalunkwe dokument jew materjal ta' appoġġ li jqis meħtieġ insostenn tat-talba.

3. F'każijiet urġenti, il-korp rikjedenti jista' jagħmel it-talba oralment. Sakemm il-korp speċifikat li ssirlu t-talba orali ("il-korp li ssirlu t-talba") ma jaqbilx mod ieħor, it-talba orali għandha sussegwentement tiġi kkonfermata bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 6

Konferma tar-riċevuta

Fil-perjodu speċifikat fit-talba bil-miktub jew fil-konferma bil-miktub li tikkonferma talba orali magħmula f'konformità mal-Artikolu 5 jew, fejn ma huwa speċifikat l-ebda perjodu, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara r-riċevuta tat-talba bil-miktub jew tal-konferma bil-miktub, il-korp li ssirlu t-talba għandu jikkonferma r-riċevuta lill-korp rikjedenti. Il-konferma tar-riċevuta għandha ssir billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness II u, fejn ikun possibbli, għandha tinkludi indikazzjoni tad-data mistennija biex tingħata tweġiba għat-talba.

Artikolu 7

Tweġiba għal talba

1. Jekk il-korp li ssirlu t-talba jirrikjedi kjarifika għal talba magħmula skont l-Artikolu 5, dan għandu jfittex il-kjarifika mill-korp rikjedenti, mingħajr dewmien żejjed, billi juża kwalunkwe mezz xieraq, kemm jekk oralment jew bil-miktub. Il-korp rikjedenti għandu jipprovdi l-kjarifika mingħajr dewmien żejjed.

2. Meta jeżegwixxi talba magħmula f'konformità mal-Artikolu 5, il-korp li ssirlu t-talba għandu:

(a) juża l-formola stabbilita fl-Anness III;

(b) jieħu l-passi raġonevoli kollha fis-setgħa tiegħu biex jipprovdi l-kooperazzjoni jew l-informazzjoni mitluba; u

(c) jaġixxi mingħajr dewmien u b'mod li jiżgura li kwalunkwe azzjoni regolatorja neċessarja tista' tipproċedi mingħajr dewmien waqt li titqies il-kumplessità tat-talba kkonċernata u jekk huwiex meħtieġ li jiġu involuti terzi persuni.

3. Jekk il-korp li ssirlu t-talba huwa awtorità kompetenti li f'waħda miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali elenkati fl-Artikolu 25 (2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tirrifjuta għalkollox jew parzjalment li tissodisfa t-talba, din l-awtorità għandha tinforma lill-korp rikjedenti mingħajr dewmien bl-użu ta' kwalunkwe mezz xieraq, kemm oralment jew bil-miktub. Sussegwentement għandha tikkonferma d-deċiżjoni tagħha bil-miktub, billi tindika fuq liema ċirkostanzi eċċezzjonali qed tibbaża r-rifjut tagħha.

Artikolu 8

Proċeduri għall-ipproċessar ta' talbiet pendenti

1. Jekk il-korp li ssirlu t-talba jsir jaf b'ċirkustanzi li jistgħu jwasslu biex id-data mistennija tat-tweġiba jkollha tiġi differita b'aktar minn għaxart ijiem tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-korp rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

2. Fejn xieraq, il-korp li ssirlu t-talba għandu jipprovdi lill-korp rikjedenti aġġornamenti regolari dwar il-progress f'talba pendenti, inklużi l-istimi riveduti tad-data fil-mira għat-tweġiba.

3. Jekk it-talba tkun immarkata bħala urġenti, il-korp li ssirlu t-talba għandu jikkonsulta mal-korp rikjedenti dwar il-frekwenza tal-aġġornamenti li huma meħtieġa.

4. Il-korpi speċifikati għandhom jikkooperaw bejniethom biex isolvu kwalunkwe diffikultajiet li jaf jinqalgħu fl-eżekuzzjoni ta' talba.

Artikolu 9

Kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni mhux mitluba

1. Għall-finijiet ta' kwalunkwe kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux soġġetti għal talba speċifika, inkluż kwalunkwe komunikazzjoni sussegwenti relatata, għandha tintuża l-formola stabbilita fl-Anness IV.

2. F'każ ta' skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 25(3), (5) u (8) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jekk l-awtorità kompetenti temmen li l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta b'mod urġenti, din tista' tibgħat l-informazzjoni oralment dment li sussegwentement l-informazzjoni tintbagħat bil-miktub mingħajr dewmien żejjed bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness IV.

Artikolu 10

Proċeduri ta' kooperazzjoni

1. Sabiex tiġi żgurata azzjoni koordinata skont l-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar każijiet transfruntiera li jinvolvu strumenti finanzjarji relatati ma' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw, meta jintalbu jagħmlu dan mill-ACER, fi grupp investigattiv transfruntier stabbilit skont l-Artikolu 16(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

2. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-infurzar tar-regoli rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1227/2011, irrispettivament mill-eżistenza ta' każ speċifiku, l-ESMA u l-ACER għandhom jikkonsultaw bejniethom regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

3. Jekk l-ESMA tintalab, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, biex tikkoordina investigazzjoni jew spezzjoni b'effett transfruntier, l-ESMA tista' tistabbilixxi grupp temporanju fuq bażi *ad hoc* biex tinkludi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri affettwati mill-investigazzjoni jew mill-ispezzjoni.

Artikolu 11

Rinviju lill-ESMA skont l-Artikolu 25(7)

Ir-rinviju lill-ESMA skont l-Artikolu 25(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ta' rifjut jew nuqqas ta' azzjoni fi żmien raġonevoli għandu jsir bil-miktub u għandu jinkludi:

(a) kopja tat-talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni u kwalunkwe tweġiba rċevuta;

(b) ir-raġunijiet għar-rinviju tar-rifjut jew tan-nuqqas ta' azzjoni lill-ESMA.

Artikolu 12

Restrizzjonijiet u l-użi permissibbli ta' informazzjoni

1. Meta jintużaw il-formoli fl-Annessi, il-korpi speċifikati għandhom jinkludu twissija ta' kunfidenzjalità xierqa f'konformità mal-formola rilevanti.

2. Il-korp li ssirlu t-talba ma għandux jiżvela l-eżistenza u l-kontenut ta' talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, ħlief jekk il-korp rikjedenti jagħti l-kunsens tiegħu għal tali żvelar. Jekk dan il-kunsens ma jingħatax u fejn ma jkunx raġonevolment prattikabbli li t-talba tiġi ssodisfata mingħajr ma tiġi żvelata l-eżistenza jew il-kontenut tagħha, il-korp rikjedenti għandu jirtira jew jissospendi t-talba tiegħu sakemm il-korp rikjedenti jkun jista' jagħti tali kunsens għall-iżvelar.

3. L-informazzjoni rċevuta mill-korp speċifikat bħala parti minn talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għat-twettiq ta' dmirijietu u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu jew biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew l-infurzar tiegħu jew, fejn applikabbli, tar-Regolament (UE) 1227/2011, inkluż fost l-oħrajn l-inizjar, it-twettiq jew l-assistenza fi proċedimenti kriminali, amministrattivi, ċivili jew dixxiplinari li jirriżultaw minn ksur ta' dawk ir-Regolamenti.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Formola għal talba għal assistenza

TALBA GĦAL ASSISTENZA

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Annessi: [*speċifika n-numru ta' dokumenti / dokumenti ta' prova mehmuża*]

Tagħrif ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità Rikjedenti:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406* ([1]), *għall-ipproċessar ta' din it-talba u identifikat hawn taħt*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz legali:

[Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

Sur / Sinjura [*daħħal l-isem xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-awtoritajiet u l-entitajiet speċifiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq, qed tintalab l-assistenza tiegħek b'rabta mal-kwistjoni(ijiet) spjegata/i f'aktar dettall hawn taħt.

Inkun grat jekk nirċievi tweġiba għat-talba għal assistenza msemmija hawn fuq sa [*daħħal data indikattiva ta' tweġiba u f'każ ta' talba urġenti daħħal data sa meta tkun tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni*] jew, jekk dan mhuwiex possibbli, indikazzjoni dwar meta taħseb li tkun f'pożizzjoni li tipprovdi l-assistenza.

Raġunijiet għat-talba għal assistenza

……
……
……
.....

[*Daħħal id-dispożizzjoni(jiet) tal-leġiżlazzjoni settorjali li taħtha l-awtorità rikjedenti hija kompetenti biex tittratta l-kwistjoni*]

It-talba tikkonċerna assistenza fi:

……
……
……
……
……
…….....

[*Daħħal deskrizzjoni tas-suġġett tat-talba, l-għan li għalih qed tintalab l-assistenza, il-fatti relatati mal-investigazzjoni bħala informazzjoni kuntestwali għat-talba u spjegazzjoni ta' għalfejn din hija ta' għajnuna biex twettaq id-doveri tagħha*]

B'segwitu ……..
……
……
……

[*Jekk applikabbli, daħħal id-dettalji ta' kwalunkwe talba preċedenti għal assistenza sabiex tkun tista' tiġi identifikata*]

1. Għoti ta' informazzjoni

(a) Deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni:

……
……
……
……

[*Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni speċifika mitluba bir-raġunijiet l-għala din l-informazzjoni tkun ta' assistenza u, jekk magħrufa, lista tal-persuni meqjusa li għandhom l-informazzjoni mitluba jew tal-postijiet minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.*]

(b) ID tal-prodott:

……

[*Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni relatata ma' tranżazzjoni jew ordni fi strument finanzjarju speċifiku, agħti deskrizzjoni preċiża tal-istrument finanzjarju, inkluż kwalunkwe kodiċi standard ta' identifikazzjoni bħall-kodiċi ISIN, AII jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għall-kwoti tal-emissjonijiet*]

ID tal-persuna:

……..

[*Daħħal l-identità ta' kwalunkwe persuna marbuta ma' din it-tranżazzjoni jew l-ordni, inkluża persuna li tinnegozja fl-istrument finanzjarju jew il-persuna li jitqies li n-negozjar ikun sar f'isimha, u kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni, bħall-kodiċi LEI jew il-kodiċi ID tal-klijent taħt ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([2])]

Dati:

……

[*Daħħal id-dati li bejniethom ikunu saru tranżazzjonijiet jew ordnijiet f'dawk l-istrumenti finanzjarji inkluż, fil-każ ta' perjodu ta' żmien sinifikanti, ir-raġunijiet għalfejn huwa meħtieġ dan il-perjodu ta' żmien kollu*]

(c) Dettalji tal-persuna li għan-negozju jew għall-attivitajiet tagħha tirreferi l-informazzjoni:

……
……
……
……

[*Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni relatata man-negozju jew mal-attivitajiet ta' persuna, ipprovdi informazzjoni kemm jista' jkun preċiża sabiex dik il-persuna tkun tista' tiġi identifikata.*]

(d) Sensittività tal-informazzjoni:

……
……
……
……

[Jekk ikun hemm kunsiderazzjonijiet speċjali dwar is-sensittività tal-informazzjoni mitluba, agħti indikazzjoni tas-sensittività tal-informazzjoni li tinsab fit-talba u ta' kwalunkwe prekawzjoni speċjali li trid tittieħed fil-ġbir tal-informazzjoni minħabba kunsiderazzjonijiet investigattivi.]

(e) Informazzjoni addizzjonali:

……
……
……
……

[*Ipprovdi informazzjoni addizzjonali, bħal jekk l-awtorità rikjedenti tkunx ġiet jew hix se tiġi f'kuntatt ma' kwalunkwe awtorità jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba b'rabta mas-suġġett tat-talba jew kwalunkwe awtorità oħra li l-awtorità rikjedenti tkun taf li jkollha interess attiv fil-materja tas-suġġett tat-talba*]

(f) Urġenza:

……
……
……
……

[*F'każ ta' talba urġenti u tal-iffissar ta' xi skadenza, agħti spjegazzjoni sħiħa dwar l-urġenza tat-talba u spjegazzjoni ta' kwalunkwe skadenza ffissata għall-għoti tal-informazzjoni*]

2. Teħid ta' dikjarazzjoni (Fejn rilevanti u permessa bil-liġi tal-awtorità jew tal-entità li tirċievi t-talba għall-assistenza)

Indika:

(a) In-natura tad-dikjarazzjoni mfittxija:

……
……

[*Indika l-preferenza, jekk hemm, dwar in-natura tad-dikjarazzjoni mitluba, pereż. affermazzjoni jew struzzjonijiet legali oħra; fuq bażi volontarja jew obbligatorja, jekk applikabbli]*

(b) Bżonn u skop tat-teħid ta' dikjarazzjoni:
……
……
……

(c) Isem tal-persuna/i mingħand min trid tittieħed id-dikjarazzjoni:
……
……
……

[*Daħħal id-dettalji tal-persuni mingħand min se tittieħed id-dikjarazzjoni, inkluż, fejn rilevanti, il-pożizzjoni tal-persuna u l-isem tal-kumpanija, biex tippermetti li l-awtorità li ssirilha t-talba torganizza it-teħid tad-dikjarazzjoni, inkluż il-proċess tat-tħarrik fejn applikabbli*]

(d) Deskrizzjoni ddettaljata tal-informazzjoni mitluba, inkluża lista preliminari ta' mistoqsijiet (jekk disponibbli fiż-żmien tat-talba).

……
……
……
……

(e) Kull informazzjoni oħra li tista' tkun utli:

……
……
……
……

[*Ipprovdi informazzjoni addizzjonali bħal jekk il-persunal tal-awtorità rikjedenti huwiex jitlob li jipparteċipa fit-teħid tad-dikjarazzjoni u, jekk dan ikun il-każ, id-dettalji tal-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti li se jipparteċipaw, fejn ikun xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit legali u proċedurali li jrid jiġi rispettat sabiex tkun żgurata l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjonijiet li jsiru waqt l-intervista fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità rikjedenti*]

[Daħħal kwalunkwe twissija ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użi permessi tal-informazzjoni (sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni)].

[Għall-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA, jenħtieġ li din tkun taqra hekk:

"L-Informazzjoni inkluża f'din it-talba għandha tinżamm kunfidenzjali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kwalunkwe *data* personali inkluża f'din it-talba."]

Il-punt ta' kuntatt tiegħek għal kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok fir-rigward ta' kwalunkwe aspett ta' din it-talba huwa [*Daħħal l-isem u d-dettalji tal-punt ta' kuntatt rilevanti: telefown, posta elettronika*]

Tislijiet,

[*Isem u firma*]

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406 tat-2 ta' Ottubru 2020 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, il-Kummissjoni u entitajiet oħra skont l-Artikoli 24(2) u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (ĠU L 325, 7.10.2020, p. 7).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

ANNESS II

Formola għall-konferma tar-riċevuta ta' talba għal assistenza

KONFERMA TA' RIĊEVUTA TA' TALBA GĦAL ASSISTENZA

Numru ta' referenza: ……..

Data: ……

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)* 2020/1406 ([1]) *jew tal-persuna dežinjata bħala punt ta' kuntatt għall-ipproċessar ta' din it-talba u identifikata hawn taħt*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità Rikjedenti:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE)* 2020/1406 *dment li mhux speċifikat mod ieħor mill-awtorità rikjedenti*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

Sur / Sinjura [*daħħal l-isem xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406, nixtiequ ngħarrfuk li rċevejna t-talba tiegħek għal assistenza bir-referenza [*Daħħal in-numru ta' referenza*] fi [*Daħħal id-data*].

Il-persuna/i rilevanti fi [*Daħħal l-isem tal-awtorità li ssirilha t-talba*] li qiegħda tittratta / qegħdin jittrattaw it-talba tiegħek hija / huma [*Daħħal l-isem, telefown, posta elettronika*].

Data mistennija tar-risposta: ……

Tislijiet,

[*Isem u firma*]

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406 tat-2 ta' Ottubru 2020 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, il-Kummissjoni u entitajiet oħra skont l-Artikoli 24(2) u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (ĠU L 325, 7.10.2020, p. 7).

ANNESS III

Formola għat-tweġiba għal talba għal assistenza

TWEĠIBA GĦAL TALBA GĦAL ASSISTENZA

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Annessi: [*speċifika n-numru ta' dokumenti / dokumenti ta' prova mehmuża*]

Tagħrif ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406* ([1]) *dment li mhux speċifikat mod ieħor mill-awtorità li ssirilha t-talba*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità Rikjedenti:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 dment li mhux speċifikat mod ieħor mill-awtorità rikjedenti*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

Sur / Sinjura [*daħħal l-isem xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ((UE) 2020/1406, ipproċessajna t-talba tiegħek bid-data ta' [*jj.xx.ssss*] bir-referenza [*daħħal in-numru ta' referenza*].

Informazzjoni miġbura

.....
.....
.....
.....

[*Jekk l-informazzjoni tkun inġabret, niżżel l-informazzjoni hawnhekk jew spjega kif se tingħata, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe dokument jew materjal ta' prova jekk ikun rilevanti*]

L-informazzjoni mogħtija hija kunfidenzjali u tiġi żvelata lil [*daħħal l-isem tal-awtorità rikjedenti*] skont [*daħħal id-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli*] u fuq il-bażi li l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 [*jekk l-awtorità rikjedenti tkun awtorità kompetenti żid* "u mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])"].

[*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ((UE) 2020/1406 f'dak li għandu x'jaqsam mal-użi permessi ta' din l-informazzjoni [*jekk l-awtorità rikjedenti tkun awtorità kompetenti jew l-ESMA żid* ", u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-*data* personali."]

Jekk *[daħħal l-isem tal-awtorità rikjedenti]* ikollha ħsieb li tuża jew tiżvela informazzjoni mogħtija f'din it-tweġiba għal kwalunkwe skop għajr dawk iddikjarati fit-talba tagħha għal assistenza, din għandha tinnotifika lil *[daħħal l-isem tal-awtorità li ssirilha t-talba]* u tikseb il-kunsens minn qabel ta' *[daħħal l-isem tal-awtorità li ssirilha t-talba]*. Jekk *[Daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba]* tagħti l-kunsens tagħha għal dan l-użu jew l-iżvelar tal-informazzjoni, din tista' tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

Tislijiet,

[*Isem u firma*]

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406 tat-2 ta' Ottubru 2020 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, il-Kummissjoni u entitajiet oħra skont l-Artikoli 24(2) u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (ĠU L 325, 7.10.2020, p. 7).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

ANNESS IV

Formola għall-iskambju mhux mitlub ta' informazzjoni

SKAMBJU MHUX MITLUB TA' INFORMAZZJONI

Numru ta' referenza: ……..

Data: ……..……

Annessi: [*speċifika n-numru ta' dokumenti / dokumenti ta' prova mehmuża***]**

Tagħrif ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità trażmittenti:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406* ([1])]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtoritajiet li ssirilha t-talba:

Indirizz legali:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt dežinjat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406*]

Isem:

Telefown:

Posta elettronika:

Sur / Sinjura [*daħħal l-isem xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406, aħna qed nipprovdu l-informazzjoni li ġejja, li nemmnu li tista' tkun ta' għajnuna fit-twettiq ta' dmirijietek.

Informazzjoni pprovduta

.....
.....
.....

[Daħħal id-dettalji tal-informazzjoni pprovduta, inkluża, jekk tkun rilevanti, deskrizzjoni ta' kwalunkwe dokument jew materjal ta' prova mehmuż]

L-informazzjoni mogħtija hija kunfidenzjali u tiġi żvelata lil [*daħħal l-isem tal-awtorità li tirċievi informazzjoni mhux mitluba*] skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u fuq il-bażi li l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) [*Meta r-reċipjent huwa l-ACER, żid* "u mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])"].

[*Daħħal l-isem tal-awtorità li tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba*] għandha tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406 fir-rigward tal-użi permissibbli ta' din l-informazzjoni [*jekk l-awtorità li tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba hija l-ESMA, żid* "u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-*data* personali"; *jekk l-awtorità li tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba tkun l-ACER, żid* "u tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-*data* personali"].

Jekk *[daħħal l-isem tal-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba]* għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela l-informazzjoni riċevuta għal skopijiet oħra għajr dawk iddikjarati fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1406, din għandha tinnotifika lil *[Daħħal l-isem tal-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba]* u għandha tikseb il-kunsens minn qabel ta' *[Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba]*. Jekk *[Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba]* tagħti l-kunsens tagħha għal dan l-użu jew l-iżvelar tal-informazzjoni, din tista' tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

Tislijiet,

[*Isem u firma*]

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1406 tat-2 ta' Ottubru 2020 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, l-ESMA, il-Kummissjoni u entitajiet oħra skont l-Artikoli 24(2) u 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (ĠU L 325, 7.10.2020, p. 7).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).